**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**Mark Lawrence Rizzo**

Numru: 665/2007

Illum 12 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Mark Lawrence Rizzo**, ta' tnejn u erbghin (42) sena, bin Emanuel u Doris Josephine neé Spiteri, imwieled Londra, l-Ingilterra, fit-8 ta' Lulju 1965, u joqghod fil-fond Numru 4, Triq San Frangisk, Rahal Gdid jew Numru 33, Triq Haz Zabbar, Rahal Gdid u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0216383(M) akkuzat talli:

1. ghal habta tal-ahhar t'April 2007, jew il-bidu ta' Mejju 2007, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qligh b'qerq li jammonta ghal aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, ghad-dannu ta' Antoine Cassar minn Haz-Zabbar u Kevin Portelli minn Rahal Gdid u persuni ohra u dana bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ghal habta tal-ahhar t'April 2007 jew il-bidu ta' Mejju 2007, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dana bi ksur ta' l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. nhar l-14 ta' Mejju 2007, ghal-habta tas-7.15 ta' filghodu hekk kif kien fi Triq il-Qalb ta' Gesu gewwa Rahal Gdid, hebb kontra l-persuna ta' Antoine Cassar minn Haz-Zabbar u Kevin Portelli minn Rahal Gdid, sabiex jingurjahom jew jaghmel hsara lill-istess u dana bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, hin u lok u aktar tard matul il-gurnata tal-14 ta' Mejju 2007, u fil-jiem ta' wara, ingurja u hedded lil Antoine Cassar minn Haz-Zabbar u Kevin Portelli minn Rahal Gdid u dana bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, hin u lok, cioé nhar l-14 ta' Mejju 2007, qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti u dana bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, lok u cirkostanzi, stieden ghall-glied lil Antoine Cassar minn Haz-Zabbar u Kevin Portelli minn Rahal Gdid;

7. fl-istess data, hin u lok, cioé nhar l-14 ta' Mejju 2007, volontarjament kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. aktar tard matul il-gurnata tal-14 ta' Mejju 2007, u fil-jiem ta' wara, ghamel uzu hazin mill-mezzi ta' telekomunikazzjoni ghal ghanijiet li ma jkunx ipprovdut ghalihom u dana bi ksur ta' l-Artikolu 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. fl-istess cirkostanzi sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt;

10. ikkommetta reat iehor fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li giet moghtija fil-konfront tieghu mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D. nhar it-8 ta' Marzu 2007 u sentenza moghtija nhar is-26 ta' Marzu 2001 mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D., liema sentenza sospiza giet estiza ghal erba' snin ohra mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D. nhar it-8 ta' Marzu 2007.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Dr. Silvio Camilleri (*a fol.* 132 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduti tal-20 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 137) u tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 138), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016, is-sottomissjonijiet finali (*a fol.* 139).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2010, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jesmond Borg** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn spjega li fl-14 ta' Mejju 2007 il-Pulizija marret fuq il-post fejn inghad li kien hemm glieda fejn instab l-imputat agitat li allega li kien gie msawwat minn Kevin Portelli u Antoine Cassar. Jghad li mill-investigazzjoni li saret Portelli u Cassar qalu li kienu taw is-somma ta' Lm460.00 lill-imputat u li minkejja li hu kien weghedhom li kien ser jaghtihom zewg *televisions*, l-imputat qatt ma ghamel dan. Jghid li Portelli u Cassar kienu gew mhallsa lura biss is-somma ta' Lm150.00 u li minkejja li l-imputat kien ikun miftiehem maghhom biex imur ihallashom il-bilanc, hu qatt ma kien imur. Jinghad li dakinhar tal-akkadut, Portelli u Cassar marru wara bieb l-imputat u meta l-imputat hareg minn daru hu beda jinsuletahom u joffendiehom u ried ihebb ghalihom. Jghad li Cassar u l-imputat spiccaw fl-idejn u li Portelli prova jzommhom. Jixhed li l-imputat kien sofra griehi ta' natura gravi peress li kien kiser subajgh iz-zghir ta' saqajh. Jghid ukoll li Cassar u Portelli gew mressqa l-Qorti u ammettew l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom. L-imputat cahad li kellu jaghti lil Cassar u Portelli u li huma kienu tawh is-somma ta' Lm460.00. Jghid li l-imputat qallu li kien issellef il-flus minn ghand Portelli sabiex ikun jista' jsewwi l-vettura tieghu u li hu (l-imputat) kien hallsu lura. Jghid li Portelli u Cassar qalulu li wara l-incident tal-14 ta' Mejju 2007 huma baqghu jircievu telefonati mill-imputat fejn kien jinsulentahom u joffendihom u jistedinhom ghall-glied. L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "JB" sa "JB 4" (*a fol.* 38 *et seq.*), fost liema ezebixxa erba' (4) sentenzi.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2012, xehed **is-Surgent Maggur John Tabone** (*a fol.* 64 *et seq.*) fir-rigward tal-okkorrenza redatta minnu, li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JT" (*a fol.* 66 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **Kevin Portelli** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa rranga kollox mal-imputat li

jghid ilu jafu mindu kienu zghar. Jghid li hu (Portelli) u Antoine Cassar kienu ser jixtru zewg *televisions* minn ghand l-imputat u li minkejja li tawh il-flus bejniethom, l-imputat baqa' ma tahomx it-*televisions*. Jghid li wara xi zmien l-imputat tahom il-flus lura.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013, xehed l-**Spettur Jurgen Vella** (*a fol.* 98 *et seq.*) fejn ezebixxa zewg sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "JV" (*a fol.* 100 *et seq.*) u Dok. "JV 1" (*a fol.* 102 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013, xehed **Antoine Cassar** (*a fol.* 109 *et seq.*) fejn qal li l-*partner* tieghu fix-xoghol Kevin Portelli kien qallu li kien ta madwar Lm450 fi flus lill-imputat mill-kumpanija taghhom peress li kienu ser jixtru minn ghandu xi *televisions*. Jghid li wara li sar dan kien hemm argument zghir mal-imputat biex jergghu jiehdu lura l-flus. Jixhed li Portelli eventwalment qallu li dawn il-flus kienu ngabru lura. Jghid li kien tranga kollox bejniethom tant li huma hafrulu lill-imputat.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015, xehed l-imputat **Mark Lawrence Rizzo** (*a fol.* 122 *et seq.*) fejn spjega li hu u Kevin Portelli kien trabbew flimkien u Portelli ddecieda li jiehu minn ghandu zewg *televisions* ta' qarib tieghu li ried jiddisponi minnhom. Jghid li Portelli qallu li kellu jghid lil siehbu Antoine Cassar sabiex igib il-flus u wara xi jiem Portelli hadlu madwar €380. Jghid li Cassar u Portelli ppretendew li jinghataw it-*televisions* meta hu (l-imputat) ma kellux access ghal xi jiem ghad-dar fejn dawn kienu jinsabu. Jghid li wara hmistax il-gurnata tahom il-flus lura. Jghid li sakemm ta l-flus lura lil Portelli u Cassar, darba minnhom Portelli, Cassar u zewg lavranti marru ghandu d-dar fejn Portelli qallu li kienu marru ghall-flus u hu qalilhom li l-flus ma kienux fuqu peress li kien tahom lil qarib tieghu li kien siefer. Jghid li gimgha wara dawn il-flus regghu nghataw lura lilu mill-qarib tieghu u hu tahom lil Portelli u Cassar. Jghid li dakinhar li marru ghandu Portelli u Cassar u z-zewg lavranti taghhom, huma spiccaw jaghtuh bl-idejn u hu ma setghax ilehhaq maghhom. Jghid li spicca b'subajgh ta' saqajh miksur peress li nqabad bejn il-bieb tal-*aluminium* u ghalqulu l-bieb fuqu.

In kontro-ezami jaqbel mal-firma tieghu li tidher fuq l-istqarrija rilaxxata minnu quddiem l-iSpettur Jesmond Borg. Mistoqsi jghid liema hija l-verita': jekk hux dik li qal fuq il-pedana tax-xhieda jew dak li qal lill-iSpettur Borg fl-istqarrija fejn qallu li hu m'huwiex agent tat-*televisions* u li dik kienet qlajja u storja antika, wiegeb: *"Dik meta telghu quddiem l-iSpettur semma ammont kbir ta' televisions ghalhekk ghidtlu jiena m'iniex agent tat-televisions. It-televisions kienu jafu minn fejn kienu gejjin ghax gew mieghi huma"* (*a fol.* 127).

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se*, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi l-Qorti tinnota li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak

il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet li hafna minnhom jirrigwardaw lil Kevin Portelli u Antoine Cassar. Il-Qorti tinnota li ma tista' bl-ebda mod tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija u dana *stante* li din ittiehdet fi zmien meta ma kienx ghadu ntrodott id-dritt li persuna arrestata jkollha l-jedd li tikkonsulta ma' avukat ta' fiducja taghha. Huwa minnu li l-imputat, meta ha l-pedana tax-xhieda, ikkonferma li l-firma li hemm fuq l-istqarrija rilaxxata minnu hija tieghu, pero fl-ebda hin ma gie mitlub jikkonferma bil-gurament quddiem il-Qorti l-kontenut ta' tali stqarrija! Tenut kont ta' dan kollu, u fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar ricenti, din l-istqarrija ser tigi skartata.

Illi l-Qorti diversament preseduta semghet kif Portelli u Cassar irrangaw l-pendenzi li kellhom mal-imputat. Minkejja dan ma jirrizultax car mid-depozizzjoni tat-tnejn li huma jekk huma kienux qeghdin jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Illi, fir-rigward <u>tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet</u> addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li l-atti processwali huma pjuttost skarsi fil-provi (jew addirittura ma hemm xejn fihom!) fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet u dana minkejja li din il-kawza damet ghadejja numru ta' snin gmielu! Il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputat mill-imputazzjonijiet imsemmija. Din il-konkluzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** imsemmija aktar il-fuq.

Illi, fir-rigward <u>tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet</u>, il-Qorti tinnota li anke fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet japplika l-istess ragunament t'hawn fuq a bazi ta' liema l-imputat mhux ser jinstab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat ukoll mill-imputazzjonijiet enumerati bin-numri tlieta (3) sa tmienja (8).

Illi, tenut kont tal-fatt li l-imputat mhux ser jinstab hati tal-ewwel tmien (8) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu, isegwi ghalhekk li l-imputat ma jista' bl-ebda mod jinstab hati <u>tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjonijiet</u> u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati anqas ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Mark Lawrence Rizzo hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**